MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Birżebbuġa

# 7 LEĠISLATURA

# Laqgħa Numru 43

It-Tnejn, 8 ta' Jannar, 2018

Il-Kunsill Lokali Birżebbuġa ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz "Dar Birżebbuġa", Triq Santa Marija, Birżebbuġa, fil-5.30 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:

| | |
|---|---|
| Is-Sur Joseph Cutajar (JC) | Sindku |
| Is-Sur Joseph Baldacchino (JB) | Viċi Sindku |
| Is-Sinjura Josette Busuttil (JBD) | Kunsillier |
| Is-Sur Sandro Alexander Caruana (AC) | Kunsillier |
| Is-Sur Stanley Zammit (SZ) | Kunsillier |
| Is-Sur Johann Borg (JBO) | Kunsillier |

Is-Sinjorina Michaela Maria Chircop (MMC) Ambaxxatriċi Lokali taż-Żgħażagħ

Membri tal- Pubbliku: (0)

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):
Is-Sinjura Leanne Abela Grech (LAG) Kunsillier

ASSENTI
Nil

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Is-Sur Svetlick Flores – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is- Sindku, is-Sur Joseph Cutajar ippresjeda l-laqgħa.

## 43.1 Qari tal-Ittri ta' Apoloġiji;

43.1.1. Is-Sindku JC informa li l-Kunsilliera LAG ma setgħetx ikun preżenti u talbet li tkun skużata.

43.1.2. Il-membri preżenti unanimament aċċettaw l-apoloġija.

## 43.2 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-Minuti;

43.2.1. Is-Sindku JC ressaq il-minuti tat-tnejn u erbgħin (42) laqgħa tal-Kunsill li ġew iċċirkolati minn qabel mal-avviż tal-laqgħa u għaldaqstant ġew unanimament ikkunsidrati bħala moqrija.

43.2.1.1. Il-Kunsillier AC għamel referenza għall-minuta 42.3.3 u ppropona li jiżdied it-test "Viċi" qabel l-kelma Sindku. Il-Kunsill qabel unanimament.

43.2.1.2. Il-Kunsilliera JBD ressqet mozzjoni ssekondata mill-Kunsillier JBO favur l-approvazzjoni tal-minuti msemmija. Ittieħed vot bir-riżultat ikun favur unanimament.

43.2.2. Is- Sindku JC ressaq il-minuti tal-laqgħa annwali tal-Kunsill li ġew iċċirkolati minn qabel mal-avviż tal-laqgħa u għaldaqstant ġew unanimament ikkunsidrati bħala moqrija.

43.2.2.1. Il-Kunsillier SZ ressaq mozzjoni ssekondata mill-Kunsilliera JBD favur l-approvazzjoni tal-minuti msemmija. Ittieħed vot bir-riżultat ikun favur unanimament.

43.2.3. Il-Kunsillier SZ għamel riferenza għal materja 42.2.7 li tirrigwarda l-*Bollards* quddiem Triq iż-Żejtun, u staqsa jekk il-Kunsill irċeviex tweġiba. Huwa kien infurmat fin-negattiv.

43.2.4. Il-Kunsillier SZ għamel riferenza għal materja 42.4.6 li tirrigwarda l-*mini-roundabout* ta' Triq San Ġwann u staqsa jekk hux għaqli li ssir wara x-xogħol tat-trinek tal-Enemalta. Is-Sindku informa li dan il-proġett għandu jsir immedjatament. Il-Kunsill qabel.

43.2.5. Il-Kunsillier SZ għamel riferenza għal materja 42.4.8 li tirrigwarda immaniġġjar ta' traffiku aħjar fi Triq Sant' Anġlu, kantuniera ma' Triq iż-Żurrieq, u informa li l-abbozz ġie iċċirkolat. Il-Kunsill qabel li dan id-disinn jiġi diskuss fil-laqgħa li jmiss.

43.2.6. Il-Kunsillier SZ għamel riferenza għal materja 42.13.1 li tirrigwarda twaħħil ta' lampi ġodda fi Triq Sant' Anġlu, u staqsa jekk dawn inxtegħlux. Huwa kien infurmat li f-formoli iddaħħlu, u possibbilment dawn inxtegħlu diġà.

43.2.7. Il-Kunsillier SZ għamel riferenza għal materja 42.18.1 li tittratta l-użu tad-Depot 31 ta' Marzu, u staqsa jekk il-Kunsill irċeviex risposta. Huwa kien informat fin-negattiv.

43.2.8. Il-Kunsilliera JBD għamlet riferenza għal materja 42.2.10 li tittratta *Traffic Management* fil-Qajjenza, u staqsiet jekk Triq il-Qajjenza hux ġejja *one-way*. Is-Sindku informa li ħadd għadu ma ddeċieda xejn, u wieħed irid jara pjan ħolistiku la tkun lesta t-triq u l-prominad.

43.2.9. Il-Kunsilliera JBD għamlet riferenza għal materja 42.2.18 li tittratta t-trasport Pubbliku u ikkonfermat li rotta 85 bdiet tidħol il-Qajjenza. Il-Kunsill innota li ser issir laqgħa ma' Transport Malta wara d-9 ta' Jannar, 2018 sabiex jiġi diskuss t-trasport pubbliku.

43.2.10. Il-Kunsilliera JBD għamlet riferenza għal materja 42.4.1 li tittratta *Bollards* f'Misraħ is-Summit. Hija kienet infurmata li dawn ser jerġgħu jitwaħħlu.

43.2.11. Il-Kunsillier AC għamel riferenza għal materja 42.2.3 li tittratta il-*Bye-laws* tal-*Barbeques*, u staqsa jekk ġietx konkluża. Huwa kien infurmat li din approvata, u jonqos biss il-pubblikazzjoni.

43.2.12. Il-Kunsillier AC għamel riferenza għal materja 42.2.4 li tittratta żoni dedikati għall-għawm taż-żwiemel u staqsa jekk kienx hemm tweġiba. Huwa kien infurmat li d-Direttorat informa li qed jaħdmu fuq proġett nazzjonali, u għandhom javviċinaw il-Kunsill meta jkun il-ħin opportun.

43.2.13. Il-Kunsillier AC għamel riferenza għal materja 42.2.5 li tittratta Disinn ta' Parkeġġ quddiem il-*Waterpolo Club*, u staqsa jekk kienx hemm risposta mill-operatur tar-ristorant. Huwa kien infurmat fin-negattiv.

43.2.14. Il-Kunsillier AC għamel riferenza għal materja 42.2.6 li tirrigwarda Bust ta' San Ġorg. Huwa informa li kwotazzjoni preliminari ta' bust tal-bronż tindika l-ispiża ta' €4,000. Huwa informa li qed jistenna kwotazzjonijiet minn barra minn Malta.

43.2.15. Il-Kunsillier AC għamel riferenza għal materja 42.2.8 li tirrigwarda stimi tat-toroq, u staqsa jekk dawn waslux. Huwa kien infurmat fin-negattiv.

43.2.16. Il-Kunsillier AC għamel riferenza għal materja 42.2.9 li tirrigwarda skart mormi illegalment f'Bengħisa. Il-Kunsill iddiskuta din il-materja u nnota li l-Perit intalab jissottometti disinn għal miljorament.

43.2.17. Il-Kunsillier AC għamel riferenza għal materja 42.2.10 li tirrigwarda Triq il-Batterija, u staqsa meta ħa jsir parkeġġ fuq naħa waħda. Huwa kien infurmat li ser issir il-verifika.

43.2.18. Il-Kunsillier AC għamel riferenza għal materja 42.2.11 li tirrigwarda laqgħa ma' rappreżentant tal-Assoċjazzjoni tal-Gwidi, u staqsa jekk kien hemmx żviluppi. Huwa kien infurmat fin-negattiv.

43.2.19. Il-Kunsillier AC għamel riferenza għal materja 42.2.12 li tirrigwarda l-fond li l-Freeport jalloka għall-għaqdiet u informa li waqt diskursata informa li ma' rappreżentant tal-Freeport, kien hemm suġġeriment li ssir laqgħa sabiex jiġi diskuss dan il-fond. Is-Sindku informa li tali deċiżjonijiet għandhom jittieħdu mill-Kunsill.

43.2.20. Il-Kunsillier AC għamel riferenza għal materja 42.2.13 li tirrigwarda senjalazzjoni tal-linji ta' parkeġġ fi Triq F.M Ferretti, u staqsa jekk kienx hemm żviluppi. Huwa kien infurmat li ser issir laqgħa mal-kuntrattur l-għada.

43.2.21. Il-Kunsillier AC għamel riferenza għal materja 42.2.14 li tirrigwarda disinn tal-pjazza sabiex ikun hemm iktar parkeġġ minflok il-bankina ta' madwar iz-zuntier, u staqsa jekk kienx hemm żviluppi. Huwa kien infurmat li r-rakkomandazzjoni intbagħtet lill-GHRC, madankollu is-Sindku informa li huwa assolutament ma jaqbilx ma din ir-rakkomandazzjoni, minħabba li din ser tkun qed tkisser spazju rikreattiv, fejn l-anzjani jiltaqgħu. Il-Kunsill qabel li tali deċiżjoni terġa' tiġi diskussa.

43.2.22. Il-Kunsilliera JBD għamlet riferenza għal materja 42.2.19 li tirrigwarda l-*commitment letters* fir-rigward tal-bandli inklussiv, u staqsiet jekk kienx hemm żviluppi. Hija kienet infurmata fin-negattiv.

43.2.23. Il-Kunsillier AC għamel riferenza għal materja 42.4.5 li tirrigwarda applikazzjoni għall-xelter tal-klieb, u staqsa jekk kienx hemm żviluppi. Huwa kien infurmat fin-negattiv.

43.2.24. Il-Kunsillier SZ għamel riferenza għal Minuti tal-Laqgħa Annwali, u staqsa dwar il-possibbiltà li jintalab formalment l-asfalt ta' Triq l-Immakulata Kunċizzjoni, kif suġġerit mir-resident, ġaladarba qed issir trinka. Il-Kunsill qabel li tintbagħat din it-talba lil Transport Malta.

## 43.3 Komunikazzjonijiet mis-Sindku;

43.3.1. Is-Sindku JC informa dwar petizzjoni riċevuta mingħand numru ta' residenti ta' Triq San Ġużepp fejn talbu li jsiru *speedhumps* / *sleeping policemen* fit-triq.

43.3.1.1. Il-Kunsill ma qabilx li ssir *sleeping policemen*.

43.3.1.2. Il-Kunsill qabel li t-triq tiġi kollha *one-way*, u għaldaqstant il-Kunsillier SZ intalab jipprepara d-disinni neċessarji.

43.3.2. Is-Sindku JC informa dwar korrispondenza riċevuta mingħand Birżebbuġa *Windmills F.C.* fejn talbu l-assistenza tal-Kunsill għal matul il-Y.F. *tournament and culture event*. Il-klabb talab użu ta' *projector,* arranġamenti għal dħul b'xejn f'Għar Dalam, u trasport.

43.3.2.1. Il-Kunsill qabel unanimament li jassisti kif possibbli, u jipparteċipa fit-trasport.

## 43.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri;

43.4.1. Il-Kunsillier SZ staqsa lis-Sindku dwar il-possibbiltà li jiġu miżbura is-siġar fi Ġnien il-Kunsill Lokali, minħabba li l-friegħi kibru tant li qed jgħattu l-fanali, u jikkaġunaw ħsara. Is-Sindku informa li diġà talab dan lill-Kuntrattur, u ser isir fil-ħin addattat.

43.4.2. Il-Kunsillier SZ staqsa lis-Sindku dwar il-possibbiltà li jiġu miżbura s-siġar fi Ġnien l-Indipendenza, minħabba li l-friegħi kibru tant li qed jgħattu l-fanali. Is-Sindku informa li diġà talab dan lill-Kuntrattur, u ser isir fil-ħin addattat.

43.4.3. Il-Kunsillier SZ staqsa lis-Sindku dwar il-possibbiltà li l-globi tal-fanali ta Ġnien l-Indipendenza jinbidlu u jsiru trasparenti bir-riflettur favur l-ambjent. Il-Kunsill qabel li jinġabu kwotazzjonijiet.

43.4.4. Il-Kunsillier SZ staqsa lis-Sindku dwar iz-*zebra* crossings pendenti ta' quddiem il-Miracles, Triq Kurat Fenech, u Triq is-Sajjied, flimkien ma' rilokazzjoni ta' dik ta' Triq Birżebbuġa. Is-Sindku informa li ser jieħu ħsieb.

43.4.5. Il-Kunsillier SZ staqsa lis-Sindku dwar il-linji tat-toroq, inkluż dak tal-parkeġġi ta' Triq il-Port Ħieles. Is-Sindku informa li għad ma hemmx approvazzjoni tal-linji kif proposti.

43.4.6. Il-Kunsillier SZ staqsa lis-Sindku dwar l-ispazju tal-venda tat-trasport pubbliku, u staqsa jekk dan jistax jitneħħa. Is-Sindku wieġeb li dan l-ispazju jintuża mit–trasport pubbliku, u għalhekk m'għandux jitneħħa.

43.4.7. Il-Kunsillier SZ irrefera għal qagħda finanzjarja tal-Kunsill u staqsa lis-Sindku ġaladarba issa din tjiebet, kif ser jaħdem il-Kunsill sabiex jibdew isiru l-proġetti u xogħlijiet. Is-Sindku informa li għandu jitwaqqaf Kumitat u jsir prijorità tax-xogħol skont il-bżonnijiet, l-estimi u l-ispejjeż involuti.

43.4.8. Il-Kunsillier SZ staqsa lis-Sindku dwar il-proġett ta' Riġenerazzjoni u staqsa jekk il-GHRC ġewx mitluba jikkunsidraw sistemi ta' *water management* f'Birżebbuġa. Is-Sindku informa li l-messaġġ twassal.

43.4.9. Il-Kunsillier SZ staqsa lis-Sindku dwar possibbilta' li terġa' titressaq it-talba lil Transport Malta sabiex issir *sleeping policemen* fi Triq Birżebbuġa. Is-Sindku wieġeb fl-affermattiv, u l-Kunsill qabel.

43.4.10. Il-Kunsillier SZ staqsa lis-Sindku dwar id-dwal taż-*zebra crossing* partikularment ta' Triq Birżebbuġa. Is-Sindku informa li l-Kunsill l-ewwel irid jiddeċiedi jekk iż-*zebra crossings* hux ser jibqgħu kif inhuma, u sussegwentement isiru bid-dawl.

43.4.11. Il-Kunsillier JBO staqsa lis-Sindku meta ser jinżebgħu il-bankijiet tal-Bajja s-Sabiħa meta ser jinżebaw. Is-Sindku wieġeb li qed jaħdem sabiex dawn jinbidlu minflok jinżebgħu.

43.4.12. Il-Kunsillier JBO staqsa lis-Sindku dwar il-possibbilta' li Triq Sant'Anġlu tiġi *one-way*. Is-Sindku talab lill-Kunsillier SZ jipprepara disinn tal-*flow* tat-traffiku għal-laqgħa li jmiss, u sussegwentement, il-Kunsill jikkunsidra.

43.4.13. Il-Kunsillier JBO staqsa lis-Sindku jekk jistax isir *patching* fi Triq San Tumas, fil-parti li qed tinżel. Is-Sindku wieġeb li ser jaħdem fuqha.

43.4.14. Il-Kunsillier JBO staqsa lis-Sindku dwar it-trinka li tħaffret fi Triq Birżebbuġa, faċċata tal-Uffiċċju tal-Kunsill u staqsa meta din ser titranġa. Is-Sindku informa li dak ix-xogħol sar minn entita' oħra u ser jingħata wiċċ fil-ġranet li ġejjin.

43.4.15. Il-Kunsillier JBO staqsa lis-Sindku dwar it-Trasport Pubbliku fil-Qajjenza, sabiex dan jiġi miljorat, billi jiżdiedu l-frekwenzi. Is-Sindku wieġeb li dawn it-talbiet ser jgħaddu lill-Awtorita' tat-Trasport Pubbliku matul il-laqgħa li għanda tinżamm.

43.4.16. Il-Kunsilliera JBD staqsiet lis-Sindku dwar il-possibbilità li Triq il-Kanġu issir bil-linji tal-parkeġġ. Il-Kunsill qabel.

43.4.17. Il-Kunsilliera JBD staqsiet lis-Sindku dwar il-possibilità li tiġi imwaħħla kamera fi Triq il-Fossili li tissorvelja t-traffiku. Is-Sindku wieġeb li ser iressaq talba lil-LESA.

43.4.18. Il-Kunsillier AC irrefera għall-proġett ippjanat ta' Triq San Ġorġ, sabiex titranġa l-problema tal-ilma baħar, u staqsa jekk kienx hemm żviluppi. Is-Sindku informah li d-disinn kien sar, iżda x-xogħol baqa' ma sarx. Huwa informa li ser jerġa' jiddiskuti din il-materja ma' Transport Malta.

43.4.19. Il-Kunsillier AC irrefera għall-ispazju ta' parkeġġ f'Dawret Qalb Imqaddsa kantuniera ma' Triq San Ġorġ, u rrimarka li dan l-ispazju joħloq ostaklu meta jitla' l-ilma baħar, u għaldaqstant issuġġerixxa li jitneħħa. Is-Sindku qabel.

43.4.20. Il-Kunsillier AC irrefera għar–rampa tad-dgħajjes li hemm fil-Qajjenza u staqsa jekk hemm xi ħaġa ppjanata. Is-Sindku informa li dik qegħda hemm temporanjament sakemm titranġa. Huwa żied jgħid li ser jiżdied l-aċċess.

43.4.21. Il-Kunsillier AC irrefera għall-*Bus Shelter* li hemm fi Triq Għar Dalam, u li għadu ma ġiex irranġat, u staqsa jekk dan hux ser isir. Is-Sindku informa li hemm kuntratt bejn Kumpanija u l-Ministeru, flimkien mal-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali. Huwa informa li dan ix-xogħol ġie mitlub lilhom.

43.4.22. Il-Kunsillier AC staqsa lis-Sindku dwar il-possihbiltà li jitwaħħlu l-arbli tad-dawl neqsin fi Triq F.M. Ferretti. Is-Sindku informa li ser jerġa' jressaq it-talba.

43.4.23. Il-Kunsillier AC staqsa lis-Sindku jekk il-*barrier* li kien hemm faċċata tal-Każin tal-Partit Laburista inqalgħetx mill-Kunsill. Is-Sindku informa li ma kienx infurmat li din inqalet, u jekk inqalet, ma kienetx b'xi ordni tal-Kunsill.

**NB. 7.00 pm: Il-Kunsillier JBO talab li jkun skużat.**
**L-Ambaxxatriċi Lokali taż-Żgħażagħ MMC talbet li tkun skużata.**

43.4.24. Il-Kunsillier AC irrefera għal-linji ta' parkeġġ ta' Triq il-Port Ħieles, u staqsa lis-Sindku jekk waslitx l-awtorizzazzjoni ta' Transport Malta. Is-Sindku informa fin-negattiv.

## 43.5 Rapporti;

43.5.1. Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq ir-Rapport Finanzjarju tar-Raba' Kwart tas-Sena, liema rapport ġie ċċirkulat minn qabel, u għaldaqstant ġie ikkunsidrat bħala moqri.

43.5.1.1. Il-Kunsillier AC ressaq mozzjoni ssekondata mill-Viċi Sindku JB favur l-approvazzjoni tar-rapport msemmi. Ittieħed vot bir-riżultat ikun:

Favur: 5 (AC, JB, JC, JBD, SZ)
Kontra: 0
Astensjonijiet: 0

## 43.6 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapport tal-laqgħat ta' Kumitati u/jew Sottokumitati;

43.6.1. Ma kienx hemm rapporti mressqa.

## 43.7 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti;

43.7.1. Is- Sindku JC ippreżenta l-iskeda ta' pagamenti bir-riferenza 01/18 li ġiet iċċirkolata minn qabel mal-avviż tal-laqgħa. (Anness DOK A1).

43.7.1.1. Wara mozzjoni mressqa mill-Kunsilliera JBD u ssekondata mill-Kunsillier AC, ittieħed vot favur l-approvazzjoni tal-ħlasijiet ta' kontijiet pendenti indikati fl-iskeda tal-pagamenti msemmija bir-riżultat ikun favur nem con.

43.7.2. Is-Sindku JB ippreżenta r-rapport ta' nfiq mill-*Petty Cash* għal Diċembru bir-riferenza 12/2017 (Anness Dok A2), li ġie ċċirkulat minn qabel mal-avviż tal-laqgħa u għalhekk ġie kkunsidrat bħala moqri.

43.7.2.1. Wara mozzjoni mressqa mill-Viċi Sindku JB u ssekondata mill-Kunsilliera JBD, ittieħed vot favur l-approvazzjoni tar-rapport imsemmi bir-riżultat ikun favur unanimament.

43.7.3. Is-Segretarju fakkar dwar il-każ li l-Kunsill rebaħ bil-qorti, fejn is-Sur Alan Attard, kien mitlub iħallas is-somma ta €1,000 għal danni, lill-Kunsill Lokali tal Birżebbuġa. Huwa rrimarka li għalqet is-sena, u s-Sur Attard ma ħallasx.

43.7.3.1. Il-Kunsill qabel li jipproċedi fil-konfront tas-Sur Attard.

## 43.8 Mozzjonijiet;

43.8.1. Ma kienx hemm mozzjonijiet imressqa sad-data tal-għeluq.

## 43.9 Applikazzjoni ta' Żvilupp;

43.9.1. Is- Sindku JC informa dwar Applikazzjoni 10029/17, li tittratta tpoġġija ta' kjosk fil-Bajja s-Sabiħa.

43.9.2. Is-Sindku JC qal li ġaladarba hemm pjan ta' Riġenerazzjoni mill-GHRC, u din ser tinkwadra fil-pjan, ma jarax għalfejn il-Kunsill għandu joġġezzjona.

43.9.3. Il-Viċi Sindku JB qal li l-applikazzjoni qed titressaq minn individwu, u mhux mill-GHRC. Huwa żied jgħid li pjanti għar-riġenerazzjoni msemmija għad ma hemmx, u allura ma jistax ikun favur tali applikazzjoni.

43.9.4. Il-Kunsillier AC irrimarka li preferibbilment, il-gabbana tersaq, biex ma tkunx fin-nofs.

43.9.5. Wara diskussjoni libera, is-Sindku ppropona li l-Kunsill m’għandux joġġezzjona għal tali applikazzjoni, liema proposta ġiet issekondata mill-Kunsilliera JBD. Ittieħed vot, bir-riżultat ikun:

| | |
|---|---|
| Favur: | 3 (JC, JBD, AC) |
| Kontra: | 2 (JB, SZ) |

## 43.10 Jum Birżebbuġa;

43.10.1. Is- Sindku JC talab lill-Kunsillier AC iressaq il-punti tiegħu.

43.10.2. Il-Kunsillier AC ippropona li din issir fl-istess ġurnata.

43.10.3. Is-Sindku irrimarka li ma jkunx dejjem possibbli.

43.10.4. Wara diskussjoni libera, is-Sindku talab lill-Kunsillieri jressqu kalendarju tal-attivitajiet għal-laqgħa li ġejja.

## 43.11 Triq ir-Raddiena

43.11.1. Is-Sindku tkellem dwar id-direzzjoni tat-traffiku fi Triq ir-Raddiena, u dwar il-problema eżistenti b’operatur.

43.11.2. Is-Sindku ppropona li tinqaleb id-direzzjoni tat-traffiku.

43.11.3. Il-Kunsill qabel unanimament.

## 43.12 Sistema ta’ Traffiku: Triq Sant’Anġlu k/m Triq Santa Rita

43.12.1. Is-Sindku JC ressaq fuq il-mejda d-disinn li ġie iċċirkolat minn qabel, liema disinn jinkludi l-introduzzjoni ta’ *over-rideable roundabout* flimkien ma’ xogħlijiet ančillari.

43.12.2. Il-Kunsill qabel li l-Perit jintalab stima tax-xogħlijiet.

## 43.13 Talba għall-ħlas minn Ġorġ Schembri

43.13.1. Is-Sindku JC informa li t-talba li ressaq is-Sur Schembri ġiet mgħoddija lill-Avukat tal-Kunsill, li ħa ħsieb jibgħat risposta uffiċjali.

## 43.14 Estimi Finanzjarji 2018;

43.14.1. Is- Sindku JC ressaq l-Estimi Finanzjarji 2018, li ġew iċċirkolati minn qabel mal-avviż tal-laqgħa u għaldaqstant ġew unanimament ikkunsidrati bħala moqri.

43.14.2. Wara mozzjoni mressqa mill-Kunsilliera JBD u ssekondata mill-Kunsillier SZ, ittieħed vot favur l-approvazzjoni tar-rapport imsemmi bir-riżultat ikun favur unanimament.

## 43.15 Pjan ta' Hidma ta' 3 snin;

43.15.1. Is- Sindku JC ressaq abbozz tal-Pjan ta' Ħidma ta' 3 snin li ġie iċċirkulat minn qabel mal-avviż tal-laqgħa u għaldaqstant ġie unanimament ikkunsidrat bħala moqri.

43.15.2. Wara mozzjoni mressqa mill-Viċi Sindku JB u ssekondata mill-Kunsillier SZ, ittieħed vot favur l-approvazzjoni tar-rapport imsemmi bir-riżultat ikun favur unanimament.

## 43.16 Street Lighting;

43.16.1. Is-Sindku JC ippropona li titwaħħal lampa fi Triq Sant'Anglu, kantuniera ma' Triq il-Port Ħieles. Il-Kunsill qabel unanimament.

43.16.2. Il-Kunsillier AC ippropona li jitwaħħlu lampi fi Triq F.M Ferretti, fuq in-naħa tal-*Bring-in-sites*, mal-arbli eżistenti. Il-Kunsill qabel unanimament.

43.16.3. Is-Sindku JC ippropona li titwaħħal lampa fi Triq is-Sebħ, kantuniera ma' Triq tal-Ġurġier. Il-Kunsill qabel unanimament.

## 43.17 Attivitajiet tal-Kunsill;

43.17.1. Is-Sindku JC fakkar fl-attivita' tal-Karnival, liema attivita' hija ppjanata għas-Sibt 10 ta' Frar 2018.

43.17.2. Il-Kunsill qabel li jinżamm l-istess baġġit tas-sena l-oħra.

43.17.3. Il-Kunsill qabel li l-Kumitat organizzattiv ikun magħmul mis-Sindku bħala ko-ordinatur, il-Kunsilliera JBD tieħu ħsieb il-programm, il-Kunsillier SZ jieħu ħsieb l-immaniġġjar tat-traffiku, filwaqt li l-Kunsillier AC jassisti f'materji oħra.

## 43.18 Proġett f'Misraħ il-Pajtier;

43.18.1. Is-Sindku JC ressaq fuq il-mejda żewġ disinni għal dan il-parkeġġ hekk kif proposti mill-Perit tal-Kunsill, u li ġew ċirkolati minn qabel. L-ewwel disinn, jinkludi l-introduzzjoni ta' parkeġġ angulat, minflok dritt mal-bankina, filwaqt li t-tieni disinn jinkludi t-tneħħija tal-ġnien, u l-introduzzjoni ta' parkeġġ fuq żewġ naħat.

43.18.2. Il-Kunsill qabel mal-ewwel disinn, u qabel li l-Perit jintalab stima tax-xogħlijiet.

## 43.19 Bye-Law – Kontroll tal-Ħamiem;

43.19.1. Is-Sindku JC ressaq fuq il-mejda l-abbozz tal-*Bye-law* dwar il-Kontroll tal-Ħamiem.

43.19.2. Wara diskussjoni libera, is-Sindku ppropona li l-*Bye-law* tiġi ppubblikata mingħajr emendi. Il-Kunsill qabel unanimament.

## 43.20 Direttiva 3/2017 – Regolamenti u Linji Gwida dwar l-akkwist mill-Kunsilli Lokali;

43.20.1. Is-Sindku JC talab lis-Segretarju Eżekuttiv jitkellem dwar id-Direttiva.

43.20.2. Is-Segretarju Eżekuttiv informa dwar il-bdil fil-liġijiet relatati max-xiri pubbliku, u elenka l-punti saljenti mid-direttiva maħruġa.

## 43.21 Ħruġ ta' Offerti Pubbliċi;

43.21.1. Is-Sindku ppropona li l-Bord tal-għażla ikun maħtur kif mitlub mid-Direttiva 3/2017 jinħatar iktar l-quddiem skont l-offerta relevanti.

43.21.2. Is-Segretarju informa dwar l-offerti li ser jiskadu fis-sena 2018, li huma:
- Servizz ta' ġbir ta skart imħallat
- Żamma u Manutenzjoni ta' Latrini Pubbliċi
- Servizz ta' Tipper Truck li jinkludi ġbir ta' Skart Goff

43.21.3. Is-Segretarju Eżekuttiv ippropona li s-servizz ta' ġbir ta' Skart Goff ikun offerta separata.

43.21.4. Is-Segretarju Eżekuttiv ippropona wkoll li tinħareġ offerta ta' Żamma ta' Żoni Rurali, fuq bażi ta' ħlas fiss fis-sena, u b'hekk dan ix-xogħol ma jibqax isir mill-ħaddiema assenjati mal-Kunsill. Dawn il-ħaddiema jibdew jintużaw aħjar fuq manutenzjoni oħra, u tindif ta' postijiet pubbliċi oħra.

43.21.5. Is-Segretarju Eżekuttiv ippropona li s-servizz ta' *Tipper Truck* għandu jitnaqqas fil-frekwenzi, ġaladarba jsr ix-xogħol kif imsemmi f'minuta 43.21.4.

43.21.6. Wara diskussjoni libera, il-Kunsill qabel mar-rakkomandazzjonijiet tas-Segretarju Eżekuttiv.

## 43.22 Performance Appraisal Reports;

43.22.1. Is-Segretarju ressaq fuq il-mejda tal-Kamra *l-performance appraisal reports* tal-impjegati tal-Kunsill, Stephanie Aloisio, Simone Fenech, Eleanor Manicaro, u Gloria Abela. Huwa rrakkomanda li jingħataw il-massimu tal-*performance bonus,* dak ta' 6%. Il-Kunsill qabel unanimament.

43.22.2. Is-Sindku ressaq fuq il-mejda tal-Kamra *l-performance appraisal report* tas-Segretarju Eżekuttiv, Svetlick Flores. Huwa rrakkomanda li jingħata l-massimu tal-*performance bonus,* dak ta' 10%. Il-Kunsill qabel unanimament

## 43.23 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

43.23.1. Il-laqgħa intemmet fit-8.20 ta' filgħaxija u ġiet aġġornata għat-Tnejn 5 ta' Frar, 2018 fil-5.30 pm.

Konfermati, illum 5 ta' Frar, 2018.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATI | IFFIRMATI |
| Joseph Cutajar<br>Sindku | Svetlick Flores<br>Segretarju Eżekuttiv |